**13 ta' Ottubru, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Henry A. Pace

*versus*

Joseph Azzopardi

**Azzjoni kambjarja — Kambjali — Nullità — Inkompetenza "ratione materiae" — Art. 37(2) u 775(b), Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Art. 179, Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-liġi ma tistax tikkontempla każ ta' kambjali jekk ma jintervenux almenu żewġ persuni sabiex jiffirmawha.*

*L-azzjoni kambjarja hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ. Kambjala illi ma tkunx iffirmata mit-traent mhix titolu negozjabbli u trasferibbli bil-ġirata, però l-obbligazzjoni kontenuta fil-kambjali illi hija nulla tista' tiġi sostnuta bħala obbligazzjoni sempliċi, ċivili jew kummerċjali, skond in-natura tal-kreditu.*

*Il-Qorti għandha d-dover tissolleva l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione materiae" anki "ex ufficio".*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — premess illi l-attur kien silef lill-konvenut fit-2 ta' April, 1964 is-somma ta' ħamsin lira (£50) bl-imgħax tat-tmienja fil-mija (8%) kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u kif jirriżulta anke mid-dokumenti (Dok: A, B, C u D) annessi maċ-ċitazzjoni; u premess illi l-konvenut, għalkemm

għalaq iż-żmien miftiehem għall-pagament u għalhekk ġie interpellat għal dan l-effett, baqa' ma ħallasx — talab illi l-konvenut jiġi minn din l-Qorti kkundannat iħallas lill-attur is-somma fuq imsemmija ta' ħamsin lira (£50) bl-imgħax tat-tmienja fil-mija (8%) mit-2 ta' April, 1964, sad-data tal-effettiv pagament minnu dovuta għal self magħmul mill-attur lill-konvenut, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Omissis.

**Ikkunsidrat:**

Li l-attur irid jipprova l-kreditu tiegħu permezz ta' erba' kambjalijiet esibiti maċ-ċitazzjoni; u għalhekk il-Qorti, qabel ma taqta l-meritu għandha tiddeċiedi qabel xejn, jekk hiex kompetenti skond l-art. 775(b) tal-Proċedura Ċivili, li tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża, billi l-kreditu huwa kambjarju, u għalhekk skond l-art. 37(2) tal-Proċedura Ċivili, l-azzjoni kambjarja li tiddipendi minnu tirrendi kompetenti l-Qorti tal-Kummerċ.

Ikkunsidrat:

Li, però, il-kambjalijiet in kwistjoni ma jirriżultawx li huma firmati mit-traenti, kif jirrikjedi l-art. 179 tal-Kodiċi Kummerċjali, u għalhekk huma nulli (Kollez. XXIX, iii, 39, 201); għaliex il-liġi ma tistax tikkontempla każ ta' kambjali jekk ma intervenewx almenu żewġ persuni biex jiffirmawha (Kollez. XXVIII, iii, 889).

**Ikkunsidrat:**

Li l-kambjali li ma tkunx firmata mit-traent mhix titolu negozjabbli u trasferibbli bil bil-ġirata (App. in re "Dr. Mifsud vs. Giacomotto" deċiż fis-6 ta' Marzu, 1912). Però, kif

*ġie dejjem deċiż mill-Qrati tagħna l-obbligazzjoni kontenuta* fil-kambjali li hija nulla, tista' tiġi sostnuta bħala obbligazzjoni sempliċi, ċivili jew kummerċjali, skond in-natura tal-kreditu (Kollez. XXIX, iii, 39, 201).

Ikkunsidrat:

Li, għalhekk, dina l-Qorti għandha tidħol fl-indaġini biex tara jekk l-obbligazzjoni, li mhix aktar kambjarja, tibqax ta' kompetenza tagħha; u dana anki in vista tal-fatt, li l-Qorti għandha d-dover tissolleva l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione materiae" anki "ex officio" (art. 775(b) fuq ċitat; Kollez. XXIX, ii, 808).

Ikkunsidrat:

Li l-emissjoni tal-kambjalijiet in kwistjoni ma irriżultax li saret in konnessjoni ma xi att tal-kummerċ kontemplat mil-liġi u għalhekk ma tirrendix id-debitu ta' natura kummerċjali, imma hija *intiża biex tiffaċilita l-pagament lill-istess debitur* (Kollez. XIV, 386-387; XXIX, iii, 80); u għalhekk dina l-Qorti hija kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża;

Ikkunsidrat:

Li fil-meritu t-talba tal-attur tinsab pruvata.

Għal dawna l-motivi:

Fil-kontumaċja tal-konvenut;

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.